**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D.**

**Appell Nru: 452 /2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Yarik Farrugia**

Illum, 5 ta' April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Yarik Farrugia ta' 21 sena, iben Jason Farrugia u Frances Anne xebba Magro u li joqghod gewwa Unit 1, Blk F, Fl5, Triq Guze' D'Amato, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 139397 M, akkuzat quddiem il-Qorti talMagistrati (Malta) talli:

Nhar t-8 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17:30hrs) gewwa Triq Santa Marija, Tarxien:_

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nathaniel Attard hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Francesca Akanji numru ta' registrazzjoni 3593 mic-centru tassahha ta' Paola.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Nathaniel Attard u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Yarik Farrugia biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216- (1) (b), 338 (dd), 382 A, 383, 412 C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Yarik Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u ikkundannatu prigunerija ta' sitt (6) xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien sentejn snin (2) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi ghas-sigurta` pubblika, qieghdet lill-hati Yarik Farrugia taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta` sena taht penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382 A tal-Kodici Kriminali ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hati a favur ta' Nathaniel Azzopardi ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412 C (3) (6) (8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw mutatis mutandis.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-kaz hemm lok li jigi mahrug ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tieghu huwa jkun jista' jigi mghejjun jeghleb diffikultajiet tieghu ghar-rigward l-emozzjonijiet tieghu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412 D tal-Kodici Kriminali qieghdet lill-hati taht ordni ta' trattament ghal perjodu u ta' sentejn millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha. Il-Qorti iddikjarat li ghamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tieghu naxxenti millistess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'kaz li huwa ma joqghodx ghallkondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati Yarik Farrugia jhallas lir-Registratur l-ispejjez globali ta' sebgha mija, tlieta u tlettin Ewro u tmienja u tlettin centezmu (€733.38) rapprezentanti l-ispejjez tal-espert mahtur it-tabib Dr. Mario Scerri fis-somma ta' mitejn u tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmu (€262.50)[1]1 u l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco fis-somma ta' erba mija u sebghin Ewro u tmienja u temenin centezmu (€470.88).[2]

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti. Rat ir-rikors tal-appellanti Yarik Farrugia minnhu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata billi TIDDIKJARA li l-istess sentenza hija nulla, u b'hekk TORDNA illi l-atti kollha ghandhom jergghu jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghas-smiegh mill-gdid taghhom, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mill-beneficcju tad-doppio esame; fin-nuqqas li tilqa' din it-talba, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi thassaraha u tirrevokaha fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u minnflok tiddikjarah mhux hati

[1] Folio 104 ta' l-atti processwali
[2] Folio 128 ta' l-atti processwali

taghhom u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni,htija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

A. Illi, stante lill-Magistrat li ggudikat il-kaz ma kinitx l-istess li semghet id-deposizzjonijiet tal-maggioranza tax-xhieda li xehdu viva voce quddiem il-Qorti u stante lill-partijiet qatt ma ezentaw l-istess Qorti milli taghmel dan, in-nullita` tas-sentenza;

B. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq suespost, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet migjuba kontra lappellant u dan ghaliex il- provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu 'il boghod mill-grad rikjest mill-ligi;

C. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex il-piena fil-konfront tieghu hija wahda eccessiva;

D. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ispejjez peritali ma setghux jigu sopportati mill-appellant stante li f'dan il-kaz il-Pulizija ma mexxewx ex officio;

**A. In-Nullita` tas-Sentenza**

Illi dan il-kaz kien beda jinstema' mil-lum Imhallef (gia` Magistrat) Aaron Bugeja, izda meta l-istess gie elevat fil-gudikatura din il-kawza giet assenjata lill-Magistrat Nadine Lia nhar il-10 ta' Mejju 2019 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi. Illi ghalhekk harsa lejn l-atti jirrizulta illi hafna mix-xhieda okulari ddeponew quddiem gudikant kompletament differenti. Illi l-Ewwel Qorti kif komposta mill-Magistrat illi

ggudikat dan il-kaz, qatt ma talbet l-ebda ezenzjoni sabiex ma tismax ghal darb'ohra lil dawn ix-xhieda anzi fis-sentenza taghha taghmilha cara illi hija *"rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif illum preseduta."* Illi il-fatt illi l-Qorti ma semghetx uhud mix-xhieda viva voce twassal ghal ksur - 646 (1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dan iktar u iktar jinghad konsiderando li s-sentenza li inghatat kienet ibbazzata fuq il-kredibbilta' o meno ta' xhieda li ddeponew, u multo magis l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjonijiet fissentenza taghha li kienu jinkombu fuq ix-xhieda ewlenija f'dan il-kaz u fuq il-kredibbilta' taghhom. Ghaldaqsant l-appellant jissotometti li ssentenza moghtija kienet mankanti ghal kollox minn rekwizit essenzjali u obbligatorju li jincidi fuq issustanza tal-proceduri kollha adoperata mill-ewwel Qorti u li b'hekk twassal ghannullita' tas-sentenza moghtija.

lli in sostenn ta' dan l-aggravju, l-artikolu 646 (1) tal-Kodici Kriminali jinqara kif gej:

1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u viva voce.

Kwindi filwaqt li l-Qorti mijiex obbligata li tisma kull xhud mill-gdid specjalment jekk ikunu xhieda li sempliciment jikkonfermaw l-awtenticita' ta' dokumenti jew il-verita' ta' l-istess, sabiex jigi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir *viva voce ad validatem* quddiem il-gudikant li finalment ser jiggudika l-fatti, salv leccezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodici Kriminali.

Dan l-ezercizzju huwa essenzjali sabiex il-gudikant ikun jista jasal ghall-gudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jezamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliciment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux necessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser taghti hjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tieghu.

Effettivament dan huwa obbligu tal-gudikant li jkun, fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali li jittrattaw l-kreddibilta' tax-xhud li jkun li semmai ghandha tigi determinata minn min ghandu jiggudika l-fatti u dan 'billi jittiehed qies talimgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz'.

Illi dan il-principju u din l-interpretazzjoni giet ikkristalizzata fis-sentenza **Pulizija vs Joseph Bartolo** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fid-9 ta' Settembru 1999 fejn *ex officio* il-Qorti annullat sentenza ta' Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali peress illi l-gudikant kien sab htija kontra l-appallant minghajr ma qatt sema provi u wara li strahet interament fuq traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet ta' xhieda (bhal f'dan il-kaz). Effettivament in sostenn ta' dak kollu enuncjat f'dan l-appell din is-sentenza tghid is-segwenti:

3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet obbligata li tisma' "*fil-qorti u viva voce*" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel ilvalutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "*l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud*" (Art. 637) minn fuq il-pedana taxxhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat

Hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnek lix-xhud jiddeponi.

Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti talMagistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)).

Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ixxhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti talMagistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni.

Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef**, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.

4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza ma sema' xejn mill-provi, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nsetmghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646

5. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro**, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi sub artikolu.

Illi fil-kaz mertu ta' dan l-appell, ix-xhieda okulari kwazi kollha inkluz dawk li a bazi taghhom inghatat is-sentenza xhedu viva voce quddiem l-ex Magistrat illum Imhallef Aaron Bugeja u mhux quddiem il-Magistrat Nadine Lia. Dan iffisser li finalment min iggudika l-kaz qatt ma semghet dawn ix-xhieda viva voce, importanti o meno, u ulterjorment, taghat sentenza fejn sabet il-htija fl-appellant. Allura kien hemm obbligu legali fuq il-Magistrat Lia li tisma' l-provi essenzjali jekk mhux kollha millgdid biex b'hekk tkun f'posizzjoni tagixxi ai termini tal-artikoli 637 et seq, fejn losservazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet huma essenzjali ghall-ghoti ta' sentenza xierqa u mhux vizzjata f'ebda mod.

Illi kwindi, in vista ta' dan in-nuqqas u anki fid-dawl tas-sentenza hawn fuq ikkwotata, din il-Qorti ghandha tannulla din is-sentenza u terga' tirrimetti l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-appellant ma jigix privat mill-beneficcju tad-doppio esame.

**B. Apprezzament Zbaljat tal-Provi Mressqa**

**i. Principji Generali**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta lLigi u del resto, anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova lkaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, filkawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn ilQorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mirraguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi flumli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, ilProsekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-

raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**ii. L-offiza fuq il-persuna ta' Nathaniel Attard ma kinitx wahda gravi**

Illi, preliminarjament, jibda biex jinghad illi l-appellant huwa tal-umli fehma lillEwwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt sabet il-htija fl-ewwel imputazzjoni stante lilloffiza fuq il-persuna ta' Nathaniel Attard ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.
Id-disposizzjoni 216 (1) (b) tghid hekk:
216. (1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin –
(b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;
Illi jidher car illi mid-deposizzjoni tat-tabiba li ezaminat lill-parte civile a tempo vergine u kif ukoll tal-espert tal-Qorti Mario Scerri dan ir-reat baqa' qatt ma gie ppruvat stante li kien hemm dubju serju jekk il-ferita li kellu l-parte civile kinitx wahda gravi jew le.
Illi t-tabiba fix-xhieda taghha tghid is-segwenti:

Dr. F. Zarb: U, ghidtilna, li r-raguni ghalfejn li inti ktibtha grievous, kienet, minhabba l-fatt,
illi possibbilment, seta` dawn ikunu ta' natura gravi?
Xhud: Naqblu, iva (a fol. 182-183 tal-atti processwali)
...
Dr.F. Zarb: Kien hemm marka, imma jista' jkun, li ma tibqax grievous, hija possibbli wkoll?
Xhud: Naqblu, iva (a fol. 184 tal-atti processwali)

Illi sahansitra fir-relazzjoni tat-tabib Mario Scerri li ezamina lill-parte civile nhar it-22 t' Ottubru 2019 u ghalhekk xi zmien wara l-allegat incident huwa jghid hekk:

Illi din ic-cikkatrici kienet taht ix-xaghar tal-ghajn (eyebrow), kienet twila 0.8 centimetri u wiesgha 0.2 centimetri.( a fol. 99)

Illi din ic-cikkatrici li hija rizultat ta' lacerazzjoni maghmulha minn blunt trauma, tidher from within a talking distance. (a fol. 103)

Illi ghalhekk jekk tali cikkatrici tidher "*from within a talking distance*" johrog car illi hija difficli ferm sabiex taraha stante li meta wiehed ikun f'"*talking distance*" ikun vicin ferm ghall-persuna.

Illi di piu`, l-espert Mario Scerri baqa' qatt ma rrelata lill-Ewwel Qorti propju jekk dik l-offiza kinitx gravi jew le u dan il-punt jibqa' mhux trattat fl-istess rapport.

Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004:

Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid- dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza
Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn gie ritenut:
"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id- deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet

fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f' wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l- incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L- Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f' certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il- figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghallfinijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghallgudikant tal-fatt (f' dan il-kaz il- magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm issuturi jew ponti ikunu ghadhom f' posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il- marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.

Differenti huwa l- Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghallfinijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll issentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**".

Illi minn dawn l-insenjamenti johrog car illi ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx obbligata ssegwi dak li rrikonstrat l-ewwel tabiba fil-poliklinika ta' Rahal Gdid meta hija ccertifikat lill-parte civile bhala li qieghed isofri minn feriti li huma gravi. Iktar u

iktar meta l-espert tal-Qorti baqa' qatt ma rrelata lill-Qorti jekk il-parte civile kienx qed isofri minn feriti gravi jew le, il-Qorti setghet iddipartiet mir-ragunar mediku.

Illi jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti kif presedjuta meta taghat is-sentenza ma kinitx komposta mill-istess Magistrat li propju raha u sehma lill-parte civile jiddeponi quddiemu. Dan ghaliex dak iz-zmien il-kawza kienet bdiet quddiem il-Magistrat, illum Imhallef Aaron Bugeja.

Kif intqal fis-sentenza **<u>il-Pulizija vs. Omissis</u>** deciza minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Marzu 2021 (Appell Numru 292/2020):

Imbaghad sta ghal gudikant jara jekk jaqbilx ma din il-klassifikazzjoni maghmula mit-tobba u f'kaz li ma jaqbilx maghhom ghandu jaghti ir-ragunijiet tieghu u dan ghaliex l-ligi stess tippermetti li l-gudikant mhux marbut mal-konkluzjonijiet tal-esperti anke dawk nominati minnu.

**iii. Il-kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Illi jigi sottomess illi minkejja li kien hemm diversi xhieda okulari li ttelghu millProsekuzzjoni sabiex jiddeponu rigward x'gara u x'ma garax l-uniku zewg xhieda illi indikaw lill-appellant bhala l-persuna li taha d-daqqa in kwistjoni kienu l-parte civile Nathaniel Attard u Estelle Mercieca.

Illi l-appellant fir-rigward ta' dawn iz-zewg xhieda sejjer jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Illi minkejja li Estelle Mercieca titkellem dejjem fil-plural meta tirreferi ghal gruppi differenti li kien hemm prezenti dakinhar tal-akkadut gewwa lbandli u kif ukoll mill-assjem tal-provi jidher car illi l-ebda grupp ma kien jaf il-xulxin, meta tigi sabiex tispjega min taha d-daqqa ta' ras lil Nathaniel Attard hija tuza' isem l-appellant bla tlaqliq.

Estelle Mercieca: Imbaghad x'hin gie Nathaniel qishom fethu biex nghaddu imbaghad bdew ikellmu lil Nathaniel ma nafx x'qalulu u tah daqqa ta' ras hawn.
Magts*: Mela min ta' daqqa ta' ras lil min?*
Estell*e Mercieca: Yarik.*

Illi di piu`, mix-xhieda kemm tal-parte civile, kemm ta' Wayne Ciantar u kif ukoll ta' omm il-parte civile Sonia Attard jidher car u tond illi l-parte civile wera rillutanza kbira sabiex jikxef x'gara u x'ma garax. Huwa jixhed illi huwa ma riedx jinvolvi lPulizija u sahansitra kien ix-xhud Wayne Ciantar stess illi qal illi meta marru lpoliklinika lill-infermiera ma tawhiex verzjoni veritiera.

Huwa jiddeponi hekk:
*"ahna gdibna naqra , ghax omm Nathaniel ma riedx jghidilha x'gara." a fol. 55Illi dan huwa fatt ferm interessanti illi l-Ewwel Qorti baqghet qatt ma haditu in konsiderazzjoni, u cioe x'kienet ir-raguni ghaliex il-parte civile ma riedx jghid ilverita` ta' x'gara u x'ma garax? X'kellu x'jahbi huwa? u ghalfejn l-ewwel hsieb ta' ommu minkejja li din ma kinitx fuq il-post kien "ghidtlu jaqaw iggieldu jew xi haga jien, qaluli le."* (a fo. 80 tal-atti)
Illi jigi sottomess ukoll illi sahanistra l-parte civile iddepona b'mod car illi huwa ma xtaqx illi l-appellant jispicca l-Qorti.

Illi huwa ddepona hekk:

Dr.A. Cachia: Mela l-ewwel haga ha nibdew, inti ghidiltna fl-ahhar li ma xtaqtx tipprocedi bil-Pulizija u hekk, hekk ghitilna hux?

Nathaniel Attard: Iva.Dr. A. Cachia: Ommok ghamlet ir-rapport, fhimtek sew jiena?
Nathaniel Attard: Iva, hi.
Dr.A. Cachia: Fhimtek ukoll sew li inti hadt l-inizjattiva li tibghat xi wave jew li qed tipprova tikkomunika ma dan Yarik Farruiga. Ara nghidlekx sew lillkonversazzoni imbaghad spiccat b'tali mod qisu ma nqala xejn hux hekk?

Nathaniel Attard: Iva

Dr.A. Cachia: Ma nqala xejn bejnietkom, hbieb.

Nathaniel Attard: Hekk spiccat, iva.

Ghalhekk, meta jigi meqjus dan kollu jirrizulta lix-xhieda li qaghdet fuqha l-ewwel Qorti sabiex issib il-htija fl-imputat MA KIENTX DAQSHEKK KREDIBBLI u dan ghaliex huma bil-bosta l-inkonsistenzi u l-inverosimilitajiet li jezistu fiddepozizzjonijiet.

Konsegwentement ma tantx jista' jinghad lill-imputazzjonijiet gew pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**iv. Il-mens rea rikjesta li baqghet ma gietx ppruvata**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u dan fl-ewwel lok meta kkonkludiet illi l-appellant kellu l-intenzjoni, anke jekk wahda generika li jikkawza hsara fil-gisem tal-parti civili, u dan peress illi mil-provi prodotti, minn imkien ma rrizulta illi l-appellant kellu dik l-intenzjoni.Illi l-element formali rikjest biex jissistuxxi r-reat ta' offiza volontarja, huwa lintenzjoni, anke dik generika li tikkawza hsara, anke jekk tkun ta' portata zghira, u cioe sempliciment 'the intent to cause harm', pero tali element xorta jrid jirrizulta millassjem tal-provi illi l-Qorti jkollha quddiemha. Fl-assenza ta' l-element formali ma jistax ikun hemm responsabbilta' penali. L-att materjali jrid ikun xorta sar bir-rieda u bil-volonta', sabiex tinstab htija kriminali. Fi kliem iehor, il-fatt illi l-ligi taghna f' dan ir-rigward dejjem giet interpretata fis-sens illi titlob biss prova ta' intenzjoni generika, ma jfissirx illi kwalunkwe azzjoni li tkun, la darba tikkawza hsara, hija awtomatikament prova ta' intenzjoni generika li tikkawza hsara. Hemm bzonn ta' provi li jsostnu dan. Illi konsegwentement sabiex jissustixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat mhux biss l-actus reus u cioe l-fatt li gew ikkawzati danni fuq il-persuna, per konsegwenza ta' l-agir tal-persuna akkuzata, izda hemm bzonn li ssir il-prova illi

lakkuzat kellu l-intenzjoni, anke jekk ta' natura generika illi JWEGGA', anke jekk b' mod hafif.

Illi sabiex wiehed jiddetermina dan, anke skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, wiehed irid bilors jezamina bir-reqqa dak li rrizulta millprovi, senjatament f' dak li jirrigwardja n-natura u l-kwalita ta' l-ghemil tal-persuna li wassal biex jikkawza l-hsara.

Fil-kaz odjern jirrizulta kjarament sahanistra mix-xhieda tal-parte civile lill-appellant qatt ma ried iwegga' lanqas b'mod remot lill-parte civile.

Magts: *Kemm gew fuqek*?
Nathaniel Attard: *Kollha imma mhux gew biex ituni, resqu lejha kollha.*
Magts: *Resqu lejk kollha*
Nathaniel Attard: *U wiehed minnhom tani daqqa ta' ras ( a fol. 32)*
...
Nathaniel Attard: *Ghamiltlu wave fuq facebook u bdejna nitkellmu bhal ghidtlu ghala ghamili hekk, qalli ma kienetx intenzjonata li jwegghani kif wegghani*. (a fol. 33)
...
Nathaniel Attard: *Le bhal speci kull ma qalli, c-chat ma kienetx twila ta` barra minn hawn, pjuttost qasira imma kull ma ried jghidli ma xtaqx iwegghani imma wegghani u ma kienetx intenzjonata li jaghmilli xi haga. (a fol. 34)*

Illi iktar minn ammissjoni fuq l-intenzzjoni tieghu din il-Qorti ma jistax ikollha prova daqshekk cara ai rigward il-mens rea tieghu, dan considerando li dawn ilmessaggi inbtghatu kwazi a tempo vergine ta' meta gara l-akkadut;

Illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Darren Attard</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x'inhu ntiz blelement formali jew *mens rea.*

Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f'din is-sentenza ta' lewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.

Huwa minnu li f'kazijiet ta' offizi fuq il-persuna mhuwiex mehtieg li l-imputat ikollu l-intenzjoni specifika li jikkaguna l-feriti li effettivament hu jkun ikkaguna, izda huwa mehtieg biss animu nocendi generiku. F'dan il-kaz pero', il-Prosekuzzjoni qatt ma waslet biex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali l-intenzjoni tal-istess imputat li jwegga' lill-Nathaniel Attard.

Ghalhekk, ma tirrizultax xi intenzjoni negattiva, jew intenzjoni pozittiva indiretta u wisq anqas intenzjoni diretta tal-imputat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li "*l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal- kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu ... il-kwistjoni tib a' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent ...* (**<u>Pulizija vs Kevin Sammut</u>** (VDG 192/2008) 23.01.2009). "*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi lintenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic- cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ...[sehh]... l-att*" (Repubblika ta' Malta vs John Polidano et, 12.12.2007).

Fis-sentenza **<u>Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi</u>** (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li "huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti flistess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha

quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni".

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat u kkristalizzat il-punt ta' l-importanza ta' lelement intenzjonali, f'kawza fl-ismijiet **Il-Puliizja vs Doreen Zammit**, deciza fil-15 ta' Gunju, 2001. Il-Qorti filfatt rreteniet illi 'wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghallkonsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih…'

Dan ifisser illi la darba mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta car u manifest illi limputat ma kellux l-intenzjoni, anqas generika, illi jwettaq ir-reat in dezamina, ossia li jikkawza hsara, anke zghira fuq il-persuna tal-parti leza, allura jsegwi illi huwa qatt ma seta ragonevolment u legalment jinstab hati.

In konkluzzjoni, huwa rilevanti wkoll dak li jissottometti l-Profs Mamo, a rigward ta' kif Qorti ghandha tevalwa l-agir tal-persuna akkuzata, meta dan jikkawza griehi fuq il-vittma:

*The principle is that in the crime of bodily harm, a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued.Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, HAVING REGARD TO THE MEANS USED BY THE OFFENDER AND HIS MODE OF ACTION one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. SHOULD THERE STILL REMAIN A DOUBT AS TO THE GRAVITY OF THE RESULT AIMED AT BY THE OFFENDER, THE PRINCIPLE WILL NATURALLY APPLYIN DUBIO PRO REO'.*

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabitu hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu. Illi mix-xhieda kollha jirrizulta illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ghandna nuqqasijiet enormi fil-provi tal-prosekuzzjoni liema nuqqasijiet ghandhom jimmilitaw favur l-esponent.

**C. Piena Erogata**

**i. Il-kuncett ta' piena**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza u dan ghar-ragunijiet segwenti li ser jigu anke elaborati fit-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt m'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru.
Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo:</u>**

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi filkaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn

jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak ilbilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......
Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:
*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra talpiena."*

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu.

Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta'ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz filkomunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.
Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa ajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki

tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **<u>Il-Pulizija vs Maurice Agius</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Anthony Wood</u>** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq liskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tassubartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar ilProbation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib

flArtikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu Principles of *Sentencing "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "*normali*" preskritta millligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista'tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: ilgravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lillpulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta'

sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** :

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre', qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry**, f'liema decizjoni l-Qorti tenniet:

F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu. […]

Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Hatherly**, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn
[…].
Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** gie kkunsidrat li:
. Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreġ jekk l- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u raġonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti talAppell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :
It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App*

*R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk limputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tinghatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx hadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza taghha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida ghaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun hadet xi żball, imbaghad din il-Qorti ghandha d- dmir li dak l- iżball tirranġah.

Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija millQorti tal-ewwel istanza sempliċiment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex lappell jirnexxi, kien mehtieġ

li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet tohroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli ghall-każ. Din il-Qorti ma interferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Ġudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.

Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a)Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva taddritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' taghha.

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi : wiehed ta' natura ġenerali u l-iehor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l- biża li tinkorri filpiena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effettpreventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tieghu. L-

aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa aħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn irrijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill- ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l- għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u labbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun il-kawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.[1]

**ii. Id-Deposizzjoni tal-Parte Civile**

Illi jigi sottomess ukoll illi sahanistra l-parte civile iddepona b'mod car illi huwa ma xtaqx illi l-appellant jinghata xi piena jew sahansitra illi jispicca l-Qorti.

Illi huwa ddepona hekk:

Dr.A. Cachia: Mela l-ewwel haga ha nibdew, inti ghidiltna fl-ahhar li ma xtaqtx tipprocedi bil-Pulizija u hekk, hekk ghitilna hux?

Nathaniel Attard: *Iva.Dr. A. Cachia: Ommok ghamlet ir-rapport, fhimtek sew jiena?*

Nathaniel Attard: *Iva, hi.*

Dr.A. Cachia: *Fhimtek ukoll sew li inti hadt l-inizjattiva li tibghat xi wave jew li qed tipprova tikkomunika ma dan Yarik Farruiga. Ara nghidlekx sew lillkonversazzoni imbaghad spiccat b'tali mod qisu ma nqala xejn hux hekk?*

Nathaniel Attard: *Iva*

Dr.A. Cachia: *Ma nqala xejn bejnietkom, hbieb.*

Nathaniel Attard: *Hekk spiccat, iva.*

Illi sfortunatament minkejja lill-Ewwel Qorti hadet bosta konsiderazzjonijiet meta giet biex teroga l-piena, hija naqset milli tqis dan u cioe ix-xewqa ezatt tal-parte civile minn dawn il-proceduri u r-riluttanza qawwija li huwa kellu sabiex jitla' l-Qorti.

**iii. Il-Fedina Penali kwazi netta tal-appellant**

Illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li taghat importanza ghallfatt illi l-appellant odjern ghandu fedina penali kwazi netta u li huwa xellef difru mal-ligi darba wahda biss fl-2011 meta kien ghadu minuri u li ghalhekk kienet il-Qorti stess li dakinhar taghtu canfira u twiddiba kif jidher fil-fedina penali tieghu.

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, mhux bhal appellant, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza middroga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw finnegattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali talimputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' lAppell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:
'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda lohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata filkonfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet IlPulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din ilQorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. Lappellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll lArtikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din ilQorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'

Fl-isfond ta' dan kollu, jerga jigi umilment sottomess illi la darba anke persuna recidiva, b' diversi kundanni precedenti, tinghata opportunita ohra, u dan bil-ghan ahhari li ma tigiex imposta piena karcerarja, l-istess ghandu jkun fil-kaz ta' l-appellant li sahansitra ghandu kondotta netta. Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat dan il-fatt b'mod

komplet, u ibbazat il-piena mposta BISS fuq il-fatt illi r-reat huwa ta' natura serja peress illi konness ma' traffikar ta' persuni.

Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il-gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar limportanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Ghalhekk il-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta’ gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta’ llum.

**D. Spejjez Peritali**

Illi l-Prosekuzzjoni talbet ukoll illi f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Illi l-ligi fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tiddisponi s-segwenti:

533.(1) Meta l-kawza ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhal ma jkun ie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Jibda biex jinghad illi f'dan il-kaz jirrizulta car lill-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija ex ufficio izda meta omm il-vittma marret taghmel rapport mal-Pulizija. Illi hija tixhed fuq dan ukoll u dan jirrizulta mid-deposizzjoni taghha.

Ghaldaqstant u dejjem minghajr pregudizzju, l-appellanta lanqas ma seta' jigi kkundant l-ispejjez peritali ghaliex il-ligi titkellem car f'dan ir-rigward. F'dan is-sens hija ukoll l-gurisprudenza nostrana dwar din id-dispozizzjoni.Il- Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawza P**<u>ulizija vs. Joseph Abdilla</u>** deciza fit-28 ta' Jannar 2008, sahqet:

Pero' f' dan il-kaz, peress kif jirrizulta mill-kwerela tal-Avukat Tufigno ghan-nom ta' Josephine Bartolo (fols. 2 u3), il-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija ex officio, jidher li f' dan laggravju l-appellant ghandu ragun u li m' ghandux jigi kundannat ghall-ispejjez tal-perizja ghax l-ligi titkellem car f' dar-rigward.

L-istess irriteniet l-istess Qorti fil-kawza **<u>Pulizija vs. Josephine Bartolo et</u>**. moghtija fit-2 ta' Lulju 2008:

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija ex officio izda permezz ta' kwerela ta' l-Avukat Dottor Gianfranco Gauci f'isem Joseph u Emanuela konjugi Abdilla (ara kwerela a fol. 2 tal-process). Ghalhekk f'dan l-aggravju l-appellanti ghandhom ragun u ma kellhomx jigu kkundannati ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward.

Ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti lanqas m'ghandha tilqa' din it-talba tal-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022 fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha taghti sentenza dwar l-ewwel aggravju dwar in-nullita.

Rat is-sentenza moghtija minnha nhar l-24 ta' Frar 2022 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-appellant dwar in-nullita u ordnat it-tkomplija ta'-smiegh tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk din il-Qorti ma hiex ser titratta l-ewwel aggravju tal-appellant f'din is-sentenza. It-tieni aggravju imressaq mill-appellant jirrigwarda apprezzament hazin tal-qorti dwar il-provi imressqa.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[3] intqal:-

---

[3] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; Ir-**Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gat**t deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.*

*Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[4].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

[4] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[5].

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-

[5] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili,** 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

*id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-**artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat[6] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**

*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

---

[6] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni  tas-sejbien ta' htija jew ta 'acquittal biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[7]li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

---

[7] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

**Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess**,[8] xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel iddeċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino deċiża millQorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-**Imħallef William Harding** fejn intqal is-segwenti : -

Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi :
"*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" *(idem, p. 700), appuntu ghaliex* "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

[8] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba quddiemha biex tara jekk id-evisjoni mehuda mill-ewwel Qorti fil-kwadru tal-provi prodottikientix wahda li tissejjah '*safe and satisfactory*'.

**Sarah Zerafa** xehdet nhar il-11 ta' April 2019[9] u spjegat li nhar it-8 ta' Marzu, 2019 Maria Assunta Attard u r-ragel taghha Carmelo Attard gew l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid biex jirraportaw flimkien ma binhom Nathanian Attard ta' sbatax-il sena li iktar kmieni dik il-gurnata waqt li kien il-bandli ta' Hal Tarxein kien hemm persuna li tah daqqa fuq wiccu. Meta gie mitkellem Nathanial Attard huwa qal li mar il-bandli ta' Hal- Tarxien biex ikellem lil hbieb tieghu li jisimghhom Liam u Wayne. Huwa spjega li fil-bandli kien hemm tlett gruppi ta' zghazagh. Il-grupp tieghu ma shabu, il-grupp l-iehor ta' Liam u ta' Wayne u grupp iehor.

Ghal habta tal-5.30 p.m kellem lil Liam u lil Wayne u ftit wara l-grupp l-iehor bdew jersqu lejhom u jghidulu ghal x'hiex marru hemm. Persuna minn dan il-grupp partikolari ghaddiet minn hdejh u ddiskreviha li tah charge qisu tah daqqa ta' spalla ma spaltu, imbaghad kompla jghid li kien hemm persuna f'din il-grupp li tah daqqa ta' spalla ma spaltu, imbaghad kompla jghid li kien hemm persuna f'dan il-grupp li tah daqqa ta' ras, daqqa ta' ras fuq rasu. Hu qallu ghal x'hiex, tipo ma ghandu x' jaqsam xejn mieghu u rega tah daqqa ohra dan u qallu tersaqx lil hemm, ma kellhomx ghalfejn imorru hemm Staqsewh minn hu, u ra li kienet din il-persuna ghaliex ma kienx jafu u li kienet l-ewwel darba li mar f'dak il-bandli u ma kienx jaf min huma.

[9] Fol. 29 tal-atti tal-process

Hu beda ifittex fuq facebook l-isem profile tieghu kien ittra diffferenti, xi lingwa ohra u ma kienx jidher min hu. X'hin Nathanial Attard wera l-profile lill-pulizija , l-pulizija gharfuh u rrizulta li kien Yarick Farrugia li gharfu bhala l-akkuzat prezenti fl-awla. X'hin staqsa x'gara u ma garax huwa nnega, staqsih jekk kienx qieghed fil-bandli u qallu iva kien hemmhekk u qallu li kien hemm ma ra l-ebda glied min naha tieghu. Staqsih wara l-bandli fejn mar u qallu li mar il-pjazza ta' Rahal Gdid u meta staqsih kemm kienu u fejn marru wara ma irrispondiex. Huwa pprezenta il-footage li ttiehed mill-Kunsill Lokali ta' Hal- Tarxien li huwa tal-bandli. Lil dak il-footage huwa rah u ra lil l-akkuzat jippartecipa fix-xena li huwa spjega.

**Nathanial Attard** xehed nhar il-11 ta' April, 2019 u spjega illi huwa mar hdejn il-bandli ta' Hal Tarxien ghax kellu xi jghid ma habib tieghu Liam u dan kien fit-8 ta' Marzu 2019. Dan kien ghall-habta tal-5.30 p.m u waqt li kienu qed jitkelmu kien hemm grupp ta' erba' min nies qishom riedu jaqilghu l-glied maghhom ghal xejn ghax ma kienux jafuhom.

Huma kienu Cole Magro, Sarah Borg, Estella Camilleri u hu. Huwa kien qed jitkellem ma Liam u rrangaw kollox ta' bejniethom u x'hin gew biex jitilqu 'l hemm qal, li minn fejn kienu u dan il-grupp ta' erba' min nies gew fid-direzzjoni taghhom. Tnejn minnhom taw charge lil Cole go sidru u wara taw charge lilu u Estelle waqfet f'nofshom, f'nofs dawn li tawhom daqqa u qaltilhom bhal speci ghalfejn ghamiltulhom hekk 'ghax xejn b'xejn'.

Dan il-grupp kien jikkonsisiti f'erba' min nies u qatt ma kien tkellem ma xi hadd minnhom. Taw daqqa li Estelle u din staqsithom ghaliex ghamlulha hekk . Cole u Sarah baqghu sejrin, waqfu jitkelmu ma Liam u Wayne sakemm gara li gara. Rawh jistenniha u rawh ihares lejha. Qalulu jekk riedx xi haga u qallhom le u li ma jridx jaqla' glied maghhom. Marru fuqu u wiehed minnhom tah daqqa ta' ras.

Mistoqsi kemm marru fuqu jghid li kollha marru biex ituh, resqu lejh kollha. Wiehed minnhom Yarick Farrugia tah daqqa ta' ras. Meta mar biex jersaq tah it-tieni daqqa u ezatt fetahhlu is-suf ta' ghajnejh. Jghid li tah daqqa bir-ras / Tah zewg daqqiet bir-ras, l-ewwel wahda ma laqtux u it-tieni wahda fetahlu mohhu fuq in-naha tal-lemin jigifieri fuq l-*eyebrow* il-lemminija. Dak il-hin pogga is-sidrija griza li kellu ma rasu ghaliex kien niezel hafna demm u mexa lejn il-policlinic ta' Rahal Gdid. Dahal fl-ispizerija ta' Hal- Tarxien ukoll imbaghad qallu li ahjar imur il-polyclinic ghax kienet miftuha sew id-daqqa.

Qal li kienu ghadejjin minn quddiem l-ispizerija u dahluh hemm u kien it-tabib li qallu li jkun ahjar jekk imur fil-polyclinic. X'hin hareg mill-polyclinic rahom ghaddejjin mill-faccata u ma kellimhomx u baqghu mixijn. Yarick Farrugia huwa l-akkuzat odjern. Wara qal li baghtlu message fuq facebook u staqih ghaliex kien ghamillu hekk u dan qallu li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jwegghu kif wegghu. Qallu li ma kienx hemm ghalfejn li jibza johrog  ghax ma kien ser jghamillu xejn.

Jghid li bdew ifittxuh shabu biex jaraw isibuhx u dan  wara li kien spicca bl-injury. L-ghassa bdew ifittxuh u bdew juru ritratti lil xi nies imbaghad minn wicchom bdew jgharfu in-nies. Dahlu shabu fir-ritratti ta' shabu u sabuh ukoll.

Jghid li huwa spicca b'erba' punti f'rasu  u dak il-hin ma qalx it-tabiba li kien qala daqqa ghax ma riedx ikompli l-istorja bil-pulizija izda wara  saret taf ommu b'dak li gara u marret taghmel rapport hi .

In kontro ezami jghid li hu ma riedx jghamel rapport izda kienet ommu li ghamlet ir-rapport mal-pulizija.  Jaqbel ukoll li kien hu li kkomunika ma Yarick fuq il-face book u spiccaw qisu ma gara xejn  minkejja li qabel ma kienux jafu lil xulxin Mhux minnu dak li gie suggerit mid-difiza li waqt li kienu il-bandli kien hemm xi kommossjoni bejn iz-zewg gruppi. Huwa ma Liam lanqas ma ggieled beda jitkellem mieghu b'mod normali.  Mistoqsi jekk kienx jaf lil grupp l-iehor jghid li lil Yarick ma kienx jafu pero

wicc l-ohrajn ma kienx gdid. Qisu kien ra xi ritrattt taghhom fuq facebook Qal li hu qallu li ma kienx resaq lejn il-bandli u meta rawhom sejrin hemm mill-ewwel dehru li xtaqu jaqilghu il-glieda. It-tfajliet li kellhom maghhom hemmhekk kienu Estella u Sarah Borg.

**Estella Mercieca** xehdet nhar il-11 ta' April, 2019 u tghid li giet mitkelma dwar l-incident mill-pulizija. Qalet li kienet marret Rahal Gdid ma Nathanial u shabha. Tispjega li kienu Sarah Borg, Chantelle Hili u Cole Magro. Taf li Nathanial Attard kellu jmur ikellem lil xi hadd Liam. Dan kien jum il-Gimgha filghaxija fix-xahar ta' Marzu ghall-habta tal-erbgha u/jew tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar. Spjegat li kollox sehh fil-Bandli ta' Hal Tarxien.

Taf li Nathaniel iltaqa' ma Liam fejn il-Bandli. Taf li tkelmu bejniethom u spiccaw il-konversazzjoni. Kienu ser jitilqu 'l hemm ilkoll flimkien izda imbaghad gew grupp ta' subien u taw xi daqqiet ta' spalla biex jipprovokaw incident. Tghid li taw daqqa wahda lil Cole u ohra lil Nathaniel. Imbaghad fethet halqa u staqsiet ghalfejn kienu qed jghamlu hekk u kienu ser iduruha izda mar Nathaniel u qabez ghaliha ghax hi hasbet li kienu ser iwegghuha. Meta wasal Nathaniel qishom fethu biex tghaddi u bdew ikelmu lil Nathaniel izda ma tafx x'qalulu u wara Yarick tah daqqa ta' ras wara ftit tah daqqa ohra dejjem fir-ras. It tieni wahda kienet fuq in-naha tal-eyebrow tal-lemin u beda johrog hafna demm u marru l-polyclinic. L-ewwel marru fi spizerija izda imbagahd warru fil-polyclinic. Hekk kif Nathanial laqgha it-tieni daqqa semghu jghid xi haga il Yarik. Beda jghidlu *'x'inti taghmel?'* u meta rat id-demm iqattar marret hdejh. Mistoqsija jekk semghetx lil Yarick jghid xi haga tghid li ma tahsibx li kien Yarick izda xi hadd iehor mill-grupp tieghu pero jista' jkun hu ukoll ghax ma tatx kaz. Izda taf li xi hadd qallu mur lura lejn pajjizek u tersaqx 'l hawn. Mistoqsija jekk tohrogx ta' spiss ma dan il-grupp tghid li kienet l-ewwel darba u lejn il-Bandli ma tmurx ta' spiss. Mistqosija jekk tafx jekk kienitx l-ewwel darba li Nathaniel mar hdejn il-bandli tghid li ma tafx pero lilha qallha li kienet l-ewwel darba. Tikkonferma li kien l-ispizjar li

qallha biex tmur fil-polyclinic. Hemmhekk dahlu Nathaniel u Liam u marrru ghand it-tabiba u lahqu gew omm u missier Nathaniel.

Mistoqsi jekk Liam kienx wahdu meta Nathaniel mar ikelmu jghid li kienu grupp u ta' aktar minn ghaxar min nies. Ma tafx ghalfejn Nathaniel xtaq ikellem lil Liam. Tghid li Nathaniel dam jitkellem xi hames minuti jew ftit iktar. Tghid li huma kellhom xi jghidu u antecentement fuq xi chat tal-messenger izda hdejn il-bandli glied fizikament ma kienx hemm. Mistoqsija jekk sahnux l-irjus u kien ghalhekk li bdew jghajtu tghid li le ma kienx hekk. Kienu qishom qed jiggieldu izda mhux b'mod serju jigifieri ma tantx kienu qed jghajtu. Kienu qed jargumentaw bil-fomm. Ma gewx fl-idejn pero ma setghetx tinnota jekk kienux irrabjati ghal xulxin. Zgur pero kienu qed jillatikaw bejniethom. Taf li Nathaniel kien qed jillatika ma persuna li kellha l-frenza. Il-grupp ta' Liam kienu ghaxra jew iktar. F'xi hin taf li ibblokjaw il-passagg minn fejn setghet tohrog u Cole qala' daqqa ta' spalla. X'hin kienu hija u Nathaniel regghu ghaddew minn hdejhom biex jaghtu daqqa ta' spalla imbaghad x'hin qalilhom ghalfejn qed timbottaw ghax bdew iparlaw fil-vojt daru hekk biex ma tkunx tista tghaddi. Meta daruha, Nathaniel qalilhom biex ihalluha u dan b'tonn kalm. Hija ghaddiet izda huma resqu lejn Nathaniel u Nathaniel baqa' wahdu hemmhekk. Kienet xi tlett metri 'l boghod minnhom u ma semghetx id-diskussjoni ghaliex bdew jitkelmu fuq xulxin. Speci beda jghid '*x'gejtu tghamlu hawn*.' Taf li Nathaniel beda jghidilhom li kien ser jitlaq 'l hemm.

Wara xi hin bdew jghajtu ma Nathaniel u dan baqa' kalm u pprova jahrab minn hekk. Ma tantx qamet l-affari. Il-grupp taghha kienu hamsa, tlett irgiel u zewg nisa waqt li l-grupp l- iehor kienu xi hamsa, sitta jew sebgha. Ma dan il-grupp tfajliet ma ratx pero mal-grupp l- iehor rat tfajla wahda. Fil-grupp taghha l- irgiel kienu Nathaniel u Cole. Cole ma ghamel xejn salv li qala' daqqa ta' spalla. Tghid li Cole telaq 'l hemm u stennihom hdejn l-intrata. Cole ghandu xi hmistax-il sena.

**Liam Desira** xehed nhar il-11 ta' April, 2019 u jghid li huwa kien gie mitkellem mil-pulizija dwar incident li sehh fit-8 ta' Marzu 2019. Jiftakar li kellu intopp ma Nathaniel Attard u nizel Hal- Tarxien biex isolvi l-problema li kellu. Solvew il-problema u jahseb li kienu sejrin lura d-dar. Jaf li Nathaniel kien ma Cole. Sakemm qed jikellem lil Nathaniel u jghidlu 'caw' rah kollu demm.

Jaf li kien ra grupp sejjer lejn in-naha tal-grownd. Mistoqsi jekk rax xi hadd qrib ta' Nathaniel meta qala id-daqqa jghid li le ghaliex kienu gja bdew jimxu . Qal li hu sema tifla li aktar tard identifikaha bhala Estelle Mecieca tghid il-kelma 'halluh'. Jghid li imbaghad maru go spizerija u wara marru fil-polyclinic u ghamlulu xi punti . Marru fil-polyclinic ta' Rahal Gdid. Fil-polyclinic dahlu Wayne Ciantar u Nathaniel. Huma baqghu barra. Wara waslet omm Nathaniel u ghalhekk huwa flimkien mal-grupp tieghu marru lura Hal Tarxien.

In kontro ezami jghid li huwa mar fejn il -bandli proprju biex jitkellem ma Nathaniel u mieghu kien hemm Waye Ciantar u Cole. Pero ghalkemm kienu xi hamsa ma kienux hdejh waqt li kien qed jitkellem ma Nathaniel. Nathaniel u hu damu xi hames minuti l-iktar jitkelmu. Tkelmu b'mod normali u fl-ebda hin ma ggieldu.

**Wayne Ciantar** xehed nhar il-11 ta' April, 2019 u kkonferma li l-pulizija kienu kelmuh dwar incident li kien sehh hdejn il-bandli ta' Hal Tarxien. Jghid li huwa mar hemm biex jakkompanja lil Liam Desira. Jaf li kellhom jitkelmu wahedhom. Jikkonferma li tkelmu bejniethom u normali. Wara huwa mar ikellem lil shabu u xi hames minuti wara dar u ra li Nathaniel kellu d-demm. Jaf li Nathaniel mar l-ispizerija izda spiccca il-polyclinic. Mistoqsi kif sehh l-incident jghid li ma qaghdx ihares, jitkellem ma shabu qaghad. Il-hbieb tieghu kienu hdejn il-gazebo ta' Hal Tarxien il-bandli. Lil Nathaniel rah miexi 'l barra minn Hal-Tarxien. Qal li Nathaniel kien mar lejh u kien biss meta dar li ra id-demm ma wiccu. Huwa ra id-demm ma wiccu fuq l-eyebrow tal-naha tal-lemin. Qrib tieghu kien hemm il-grupp ta' Yarik ghalkemm jghid li ma jafx min huma. Qal li kien hu li akkompanja lil Nathaniel Attard il-polyclinic ghax kellu tmintax-il

sena. Lin- Nurse jaf li Nathaniel gidbilha kif sehh l-incident ghaliex ma ridx jghid l-ommu x'kien gara. Lin-nurse qallha li waqa' minn fuq il-bankina. Il-punti ghamlithomlu fuq mohhu. Wara huwa mar mixja zghira u rritorna lura d-dar.

**PS 1396 Sergio Farrugia** xehed nhar it-12 ta' Settembru, 2019 u kkonferma li nhar it-8 ta' Marzu, 2019 ghall-habta tat-8.30p.m kien night watch gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u marru Nathaniel flimkien ma ommu u missieru biex jghamlu rapport. Bazikament Nathaniel qal li kien gewwa l-bandli ta' Hal Tarxien li jinsab gewwa Triq Santa Marija sabiex jitkellem ma xi hbieb tieghu li kienu qeghdin hemmhekk u stqarr ukoll li kif qam minn hdejhom kien qed ikellimhom, kien hemm erbgha fuq bank iehor fl-istess gnien u qamu u tmejn minnhom hebbew ghalih. Wiehed tah charge u l-iehor tah daqtejn go wiccu. Ma Nathaniel kien hemm xi hbieb. Huwa mar il-gnien biex jara kienux ghadhom hemm. Talab lil Nathaniel biex jiddiskrivihomlu izda irrizulta fin-negattiv. L-ghada baghat pulizija il-kunsill biex jara minhabba l-cameras CCTV u informa lill-ispettur fuq il-kaz. Min naha ta' l-ispettur tkompliet l-investigazzjoni Muri id-dokument a fol. 14 jghid li huwa ir-rapport li dahhal hu fis-sistema.

**Sonia Attard** xehdet nhar it-12 ta' Settembru, 2019 u qalet li kienet id-dar meta cemplilha ir-ragel u qallha li t-tifel taghhom Nathaniel gie aggredit. Staqsietu xi domandi izda ma kienx kapaci iwegibhom. Qallha li kienu ser jihdu it-tifel il-polyclinic ta' Rahal Gdid u qallha li kien wegga fejn il-bandli ta' Hal Tarxien.

Meta waslu hdejn il-polyclinic sabet hafna guvintur u tfajliet barra u staqsiet lil tifel minnhom x'kien gralu. Meta dahlet rat li t-tifel kien mimdud wiccu kollu demm u hdejh kien hemm guvni iehor. Il-guvni li kien mieghu qal lil ommu li binha kien wegga ma tarf tal-bankina biex ma jinkwetawhiex. Taf li ghamlulu xi punti. Hija ma emnitx il-verzjoni ta' dak li kien qallha l-guvni ta' kif sehh l-incident.

Meta lesta min nurse zewgha mar igib il-karozza u marru kollha id-dar inkluz siehbu. Waqt li kienet barra kien hemm min qallha li kien hemm xi guvintur li tawh daqqa bir-ras. Daret fuq it-tifel biex tara min kienu u qallha li ma kienx jafhom. Ir-ragel wassal lit-tifel ghand siehbu l-Belt u hija marret l-ghassa taghmel rapport. L-ghassa qalulha li kellhom bzonn lit-tifel li kien sejjer jghamel rapport l-ghassa il-Belt Valletta. Missieru mar ghalih u quddiem il-pulizija it-tifel baqa' jghid li ma kienx jaf min huma l-aggressuri tieghu. Tghid li marret hdejn il-bandli ma zewgha biex tara jekk hemmx xi CCTV cameras. Taf il-pulizija hadet lit-tifel flimkien ma xi hbieb tieghu hdejn il-bandli.

Wara ghamlu tfittxija fuq il-facebook u minghallija Estelle sabet ritratt ta' guvni u it-tifel gharfu bhala l-aggressur tieghu. Hija imbaghad marret ghand il-pulizija b 'dan l-*iscreen shot*. Qalet li hija ma haditx it-tifel maghha l-ewwel darba l-ghassa ha tara ezattament x'kien gara. Binha ghandu sbatax-il sena.

**Carmelo Attard** xehed nhat it-12 ta' Settembru 2019 u jghid li kien jum il-Gimgha u ircieva telefonata minghand it-tifel u dan qallu li kien wegga. Naturalment ghajjat lil mara u qallha dak li kien sema u fil-fatt qallha li kienu gja haduh il-poly clinic . Meta wasal il-polyclinic ra lill-ibnu b'wiccu kollu demm u dan qallu li kien waqa'. Qallu li kellu hamsin sena u dik ma kienx iz-zizultat ta' waqa' u rega qallu li kien waqa 'waqt in-nurse ghamlitlu il-punti.

Il-punti saru fuq ix-xaghar ta' ghajnejn. Waqt li hadu mieghu fil-karozza baqa' jiffittah x'kien gara u minn hemm u minn hawn qallu li kien qala' daqqa ta' ras minghand persuna. Imbaghad marru l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid jghamlu rapport imbaghad martu regghet marret il-polyclinic biex iggib ceritfikat mediku.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti datat 22 ta' Ottubru 2019 fejn **Dr. Mario Scerri** kien gie nominat bhala tabib legali biex jezamina lil Nathaniel Attard u jiddiskrivi l-feriti li ssubixxa nhar it-8 ta' Marzu, 2019 meta kien gie aggredit minn Yarik Farrugia. Il-

vittma Nathaniel spicca b'cikatrici fuq is-supra orbital lift tal-lemin. Din ic-cikatrici tinvolvi ix-xaghar ta' fuq l-ghajn l-eybrow li fuqha ma jitlax xaghar. Din hija rizultat ta' lacerazzjoni ta' blunt trauma din hija marka permanenti u sfortunatament tidher minn distanza normali. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala dok MS[10].

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed nhar is-16 ta' Jannar 2020 u stqarr li skond il-verbal tat-12 ta' Settembru 2019 huwa kien gie nominat minn dik il-Qorti sabiex tesamina Dok SR 1 a fol. 29 tal-process u sabiex johrog l-istills mill-footage mill-istess CD. Huwa pprezenta rapport li gie markat bhala dok SFS[11] u rritorna d-dokumenti li fuqhom huwa hadem.

**Cole Magro** xehed nhar is-16 ta' Jannar, 2020 u spjega li huma marru hdejn il-bandli ghaliex kellhom xi jghidu ma guvni bl-isem Liam. Dan kien f'xi zmien fis-sena 2019. Spjega li dan Liam kien qed ikellem xi tfajla u huwa u Nathaniel marru jahtfuh. Maghhom kien hemm Sara Borg, Chanelle Hili u Stella Micallef. Huma tkelmu ma dan Liam u huma u hergin qala daqqa ta' spalla pero ma jafx minghand min. Huwa baqa' mixi mar isellem lil Liam dar u jara lil siehbu Nathaniel bid-demm fil-kappell t'ghajnejh. Mistoqsi kif gara dan jghid li ma jafx u li ma ra xejn b'ghajnejh Apparti il-grupp tieghu kien hemm grupp iehor li ma kellux x'jaqsam mieghu. Shabu zgur li ma tawhx daqqa. Meta dar lil Nathaniel wahdu rah. Lanqas min tah daqqa ta' spalla ma jaf jew gharaf. Ma tax kaz ghaliex meta ra lil Nathaniel bid-demm tkexkex u haseb li kien ahjar li jaqbad u jitlaq 'l hemm. Baqghu sejrin il-clinic. Nathaniel qallu li kien qala ukoll daqqa ta' spalla ukoll pero ma kienx qallu minghand min. Qal li dak il-hin ibblankja. Quddiemu jaf li ra ragel twil u dan baqa' diehel go fih u tah daqqa ta' spalla. Dar imma wiccu ma rajtux. Jaf li kien itwal minnu zgur. Mistoqsi jekk jafx l-akkuzat jghid li ma jafux u qatt ma rah.

---

[10] Fol. 94 tal-process
[11] Fol.122 tl-process

In kontro ezami jghid li meta qala d-daqqa baqa' miexi u meta ra lil siehbu bid-demm dar u hares lura. Presso poco xi sittin sekonda. Qal li meta ra d-demm fuq il-kappell ta' ghajn siehbu inhasad u ma ta' kaz xejn iktar, qabad it-tfajliet li kienu maghhom u marru dritt il-clinic. Jikkonferma li l-incident inqala hdejn il-Bandli ta' Rahal Gdid.

**PC 415 Renald Gili** xehed nhar il-25 ta' Gunju 2020 u spjega li gew infurmati f-14 ta' Marzu biex jigbru xi cameras CCTV mill-kunsill lokali ta' Hal Tarxien. Kellhom jigbru dawk datati 8 ta' Marzu 2019 mill-hamsa u ghaxra ta' filghaxija sal-hamsa u nofs ta' filghaxija. Skond id-DVR li ma kienx rejali hadmu d-differenza li kien hemm ta' seba' minuti.

**Dr Francesca Frangi** giet murija id-dokument esebit a fol. 7 tal-atti u tghid li dan huwa dokument li harget hi nhar it-8 ta' Marzu, 2019 meta kienet ghadha tahdem Paola Health Centre meta ezaminat il-pazjent Nathaniel Attard. Tghid li kellu qasma fuq il-hageb lemini approssimament ta' 6 cm tul li kellha bzonn erba' punti u qalet li peress li l-ferita kienet fuq il-hageb din setghet halliet cikatrici. Il-ferita kienet twila izda mhux fonda. Wara dak in-nhar ma regghetx rat lil Nathaniel Attard. Qalet li l-ferita kienet wahda fil-wicc u ghalhekk titqies bhala gravi pero kienet fuq il-hageb u ghalhekk jista jkun li maz-zmien titghatta. Dak il-hin il-ferita kienet tidher, kienet ghadha friska u vizibbli.

Rat it-talba tad-difiza biex jigi nominat Probation Officer biex ihejji Social Inquiry report. U l-Qorti laqghet din it-talba fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021.

Fil-11 ta' Mejju 2021 xehdet il-**Probation Officer Maria Mifsud** u pprezentat ir-rapport taghha li hu markat bhala dok MM1[12]. Tghid li Yarick kellu kaz wiehed biss f'hajtu skond il-fedina penali tieghu u kien jittratta fuq vandalizmu. Hija baghtet ittra lil vittma pero dan ma attendhiex ghas-seduta u hija ma segwitx l-ittra biex ma jkunx

[12] Fol. 100 tal-process

hemm *secondary victimisation* Tghid li l-akkuzat zamm kuntatt maghha u meta ma setax imur dejjem infurmaha minn qabel. Fil-passat Yarick kien jghamel uzu mid-droga sintetika imma irnexxilu jaqta' kollox wahdu u min naha l-ohra illum il-gurnata huwa qed jghid li hu ghadu jaghmel uzu mill- Cannabis minhabba li tghinu tirregola l-emozzjonijiet tieghu. Hija min naha taghha talbitu f'zewg okkazzjonijiet sabiex jissottometti ruhu ghall-kampjun tal-urina biss huwa ma ppprovda l-ebda kampjun ghaldaqstant hija ma kienitx f'posizzjoni sabiex telimina l-uzu tad-droga emfetamina, kokaina u Eroina.

Harsa lejn il-wegghat tal-passat u kif jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu, huwa qal li l-Cannabis tghinu hafna u hu qisu qed isibha difficli u mhux lest li jaqta dan l-uzu. Mill-banda l-ohra huwa sostna li dan ir-rapport lilu toffrilu opportunita sabiex jitkellem ma professjonist fuq il-wegghat, trauma u diffikultajiet li hu ghadda minnhom ghall-ewwel darba. Infatti ukoll jekk iharsu lejn is-sessjoni tat-trobbija tieghu huwa talabha biex ma tixhedx *viva voce* fl-awla biss hemm kollox imnizzel fir-rapport id-diffikultajiet u l-wegghat li bhala tifel iffaccja Yarik. Ghamlet ukoll kuntatt ma ommu. Tikkonkludi u tghid li Yarick ghandu bzonn sessjonijiet individwali ma terapista tieghu specjalment dwar il-wegghat li hu ghadda minnhom fit-trobbija tieghu u jidhru li hallew l-impatt fuqu. Jigi assessjat ukoll l-aspett tad-droga minhabba li huwa minkejja li ma issottomettiex kampjun tal-urina hija mhiex f'posizzjoni li telimina is-sustanzi l-ohrajn u jahdem bi shih sabiex huwa jkollu impieg stabbli sabiex b'hekk ikun f'posizzjoni sabiex jghin lilu innifsu f'aspett finanzjajru.

L-akkuzat **Yarik Farrugia** ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li jghamel pero irrilaxxja stqarrija meta kien qed jigi investigat u dan nhar il-15 ta' Marzu 2019, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 10 markata bhala dok SZ4. Dan spjega li jahdem fil-hanut bl-isem Vitamin ta' B'kara u jghix f'unit 1 Blk F, F 15 Triq Guze Damato, Paola u jghix hemm ma ommu. Mistoqsi dwar ir-rapport li sar fit-8 ta' Marzu, 2019 meta allegatament persuna giet aggredita minnu jghazel li ma iwegbix. Jghid li dakinhar pero ghall-habta tal-5.00p.m huwa kien hdejn il Bandli ta' Hal Tarxien. Jaf li kien

hemm zewg gruppi li bdew iharsu bl-ikrah lejn xulxin. Ra il-grupp ta' Nathaniel Attard jersaq aktar vicin il-grupp l-iehor. Huwa mar jiftah mohh Nathaniel biex ma jiggilidx. Mar fuqu, ghajjat mieghu u qallu biex ma jiggilidx. Mistoqsi fi x'hin refa idejh fuq Nathanel Attard jghid li fl-ebda hin ma ghamel hekk. Waqt li kien hemm hu ma ra lil hadd jerfa idejh fuq xi hadd. Mistoqsi kif jaf lil Nathaniel Attard jghid li jafu ghaliex dak in-nhar tal-glieda eddjah face book. Dak in-nhar skuza ruhu u wiegbu li ma kienx hemm ghalfejn ghax qatt ma gara xejn bejniethom. Qallu li huwa ghajjat mieghu biex jiftahlu mohhu. Qabel it-8 ta' Marzu, 2019 ma kienx jafu u wara dik id-data ma baqghax kuntatt bejniethom. Mistoqsija ma min kien fil-grupp jghazel li ma iwegibx u jekk marru fil-pjazza ukoll jghazel li ma iwegibx.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident li sehh fil-Bandli ta' Hal Tarxien meta l-akkuzat ta' daqqa ta' ras lil Nathanial Attard meta dan kien fil-kumpanija ta' shabu u minn dan li irrizulta li dan sehh ghal xejn b'xejn. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni ghaliex filwaqt li Nathanial Attard jghid bil-gurament tieghu li gharaf lill-akkuzat li kien hu li tah daqqa ta' ras dakinhar tat-8 ta' Marzu 2018. L-akkuzat minn naha l-ohra jghid li vera li dakinhar tal-incident huwa kien fil Bandli ta' Rahal Gdid pero jichad li tah daqqa ta' ras ghalkemm jghid li kien mar fuqu u ex admisses jghid "Mort fuq Nathaniel u ghajjat naqra mieghu biex ma jiggildux". Jghid pero fl-istess hin li ma refax idejh fuq Nathaniel u lanqas ra lil xi hadd jerfa idejh fuqu. Nathaniel Attard jghid b'certezza li kien l-akkuzat li mar fuqu u tah daqqa ta' ras u kif kien ser jersaq 'l hemm rega tah daqqa ta' ras ohra bil-konsegwenza li fetahlu ghajnejh fuq in-naha tal-lemin. Minhabba din it-ticrita beda hiereg hafna demm u ghalhekk flimkien ma shabu l-parte civile Nathaniel Attard mar fil-poliklinika ta' Rahal Gdid biex jiddewwa. Nathaniel Attard jghid li wara l-incident kien baghat messag lill-akkuzat biex dan jaddjah fuq face book u kien staqsih ghaliex kien ghamillu hekk u dan wiegbu li ma riedx iwegghu serjament u qallu li ma kienx ser jghamillu xejn iktar fil-futur. L-akkuzat fl-ebda hin ma jinnega li kien hemm din il-konversazzjoni bejniethom. Jidher

li dan l-incident inqala' fuq il-fatt li l-akkuzat u l-grupp tieghu ma xtaqux li jkun hemm grupp iehor ta' zaghzagh li jiffrekwentaw dan il-post. Liam Desira jikkonferma li ma rax lill-akkuzat jaghti daqqa lil parte civile pero jikkonferma li kien sema lil xi hadd jghajjat 'halluh' b'referenza ghall-parte civile. Wayne Ciantar jghid li ra lill-parte civile waqt li kien ghadu fejn il-Bandli bid-demm f'wiccu u dak il-hin il-grupp ta' Yarik Farrugia kienu hdejh Estelle Mercieca pero tikkollabora dak li qal il-parte civile u tikkonferma li kien l-akkuzat li ta zewg daqqiet ta' ras lill-parte civile. Ghalhekk ma hemmx dubbju li kien l-akkuzat u hadd inqas li fil-fatt fera lill-akkuzat.

Illi l-appellant jghid fl-aggravji tieghu li l-ferita li kellu l-parte civile ma kienitx ta' natura gravi. Jghid li kemm it-tabiba li ezaminatu a tempo vergine kif ukoll Dr. Mario Scerri nominat mill-qorti jghidu li l-ferita ma kienitx gravi. Hawnhekk ghalhekk din il-Qorti tghamel referenza ghal dak mistqarr minnhom. Dr Francesca Fangi rilaxxjat certfikat mediku nhar it-8 ta' Marzu 2019[13] fejn iddiskreviet il-feriti li sofra Nathaniel Attard dak in-nhar kienu Lacero contused wound fuq il-hageb tal-lemin madwar 0.6 cm fit-tul. Fil-fehma taghha peress li l-ferita kienet fuq il-hageb din setghet tibqa tidher u ghalhekk ikklassifikat il-ferita bhala wahda ta' natura gravi. Dan ic-certifikat gie konfermat minnha fix-xhieda taghha moghtija nhar l-24 ta' Ottubru 2019[14]. Dr. Mario Scerri nominat mill-Qorti jghid li ezamina lill-parte civile u kkonkluda li dan kellu cikkatrici li kienet tinvolvi x-xaghar tal-ghajn (eyebrow) li fuqha ma jitlax xaghar u li din hija rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u li tidher within walking distance. Jghid ukoll li kien ezamina lill-parte civile seba' xhur wara u cioe fit-22 ta' Ottubru 2019 meta kkonferma li l-ferita kienet twila 0.8cm u wiesgha 0.2cm.

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri,*

[13] Dok Z1 a fol. 7tal-process.
[14] Fol. 105 tal-process

*ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati.

Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza. U huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti, u cioe` li wara li qieset mhux biss id-deposizzjonijiet tat-tobba izda wkoll dak kollu li rrizulta minn deposizzjonijiet ohra – inkluza d-deposizzjoni ta' Nathaniel Attard – waslet ghall-konkluzzjoni li l-imsemmi Attard garrab offiza ta' natura gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett tal-intervent ta' l-appellant. Bizzejjed isir referenza ghal dak mistqarr fis-sentenza il-Pulizija vs Emily Zarb fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfreggju kkontemplat fl-artikolu 216 (1) (b) jista' jkun anke temporanju u li din il-hsara tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza illi hi dik " *is-soltu jkun hemm bejn in-nis meta jitklemu ma xulxin.* " F'dan ir-rigward kif stqarr Dr Mario Sceri li ezamina lill-parte civile seba' xhur wara

jghid li l-ferita kienet ghada tidher minn distanza normali. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

L-appellant isostni li kien hemm kontradizzjonijiet fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni. Jinghad f'dan ir-rigward li x-xhieda indikata mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu ma hiex bizzejjed sabiex tiddistabilixxi l-provi l-ohra imressqa mill-prosekuzzjoni. Bizzejjed illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**[15]fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[16] qalet hekk
*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja".*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne[17]** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet
*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs.Dennis Pandolfino*

---

[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002
[16] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,
[17] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003

*8."(*Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[18] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**[19] , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[20], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[21] (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[22].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti:
*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk mmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha ukompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Fil-kaz in desamina jidher li l-verzjoni moghtija mill-parte civile ma gietx kontestata u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti dwar min kellha temmen dwar kif sehh l-incident kien qieghed 'safe and satisfactory u ghalhekk tali aggravju qed jigi michud.

L-appellant isostni fir-rikors tal-appell tieghu li ma kellux l-mens rea biex jikkaguna l-feriti li rrizultaw. Issa fil-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu. Dawk il-konsegwenzi jistghu jkunu gravi (Art. 216), gravissimi (Art. 218) jew addirittura l-mewt (Art. 220). Bi hsara wiehed jifhem anke s-semplici sensazzjoni ta' ugiegh li tigi minn daqqa minghajr il-htiega ta'

[18] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006.
[19] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[20] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[21] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013.
[22] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013.

lezjoni fit-tessuti. L-Artikolu 214 tal-Kap. 9, meta jitkellem dwar "....hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna....jew dizordni f'mohha...." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni tal-Artikolu 372 tal-Codice Zanardelli:

> "*Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito....*".

**Luigi Majno** jikkummenta hekk din id-disposizzjoni:

> "Il codice italiano fa consistere il reato in esame in qualunque pregiudizio possa essere recato al corpo, alla salute o alla mente di un uomo, che percio' rimane offeso nella sua integrita' personale. Con cio', seguendo il piu' moderno indirizzo della dottrina e della legislazione, si e' allegata la nozione di questo reato dalle soluzioni di continuita' nel corpo umano con effusione di sangue, e dalle violenze che senza effusione di sangue cagionano un dolore fisico, fino a comprendere anche le perturbazioni recate alla mente di un uomo d'altrui opera malvagia o colposa. E il codice italiano -- come spiega la relazione ministeriale sul progetto del 1887 -- adotto' pertanto (in conformita' al codice toscano) il titolo di lesione personale che si riferisce all'effetto dell'azione, anziche' quello usato dal codice sardo, di ferite e percosse, con le quali espressioni e' anche imperfettamente designato il fatto criminoso, che puo' dipendere da altre e ben diverse cause di nocumento corporale. Specificando poi i vari effetti nei quali la lesione puo' consistere -- e cioe' danno nel corpo o nella salute o perturbazione di mente -- il codice italiano volle essere piu' esatto e completo del codice toscano, che non menzionava la salute e parlava invece, oltre che di danno al corpo, anche di dolore, che e' pur esso, fisiologikamente, un danno" (Majno, L., Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1924), Vol. 3, pp. 292-293, para. 1630).

U **Giulio Crivellari** jkompli jippreciza:

*"Il criterio essenziale del delitto di lesione sta in una atto materiale, che produce una minorazione ad un uomo del godimento della sua personalita' senza distruggerla, un dolore fisico, un detrimento nel corpo o un disturbo al suo intelletto" (Crivellari, G., Il Codice Penale per il Regno d'Italia, Unione Tipografico (Torino), 1896, Vol. VII, p. 860, para. 60).*

Fi kliem iehor, anke s-semplici ugiegh kagunat minn daqqa jew "percossa" tammonta ghal hsara (fil-gisem jew fis-sahha) fis-sens ta' l-Artikolu 214 tal-ligi taghna. Huwa propju ghalhekk ukoll li min, bl-iskuza tal-korrezzjoni, isawwat u per konsegwenza iwegga' tfal, jista jkun hati ta' dan ir-reat (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Galea**).

Isegwi minn dan kollu li anke l-intenzjoni li wiehed jikkaguna sensazzjoni ta' ugiegh -- anke jekk mhux necessarjament xi ugiegh kbir jew li jippersisti ghal xi tul ta' zmien -- f'persuna ohra tammonta ghall-"animus nocendi" jew "animus laedendi" mehtieg ghal finijiet tar-reat in dizamina. Fil-kaz prezenti l-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jistaqsi "jekk jistax jinghad u jigi accettat illi d-daqqa ta' harta rizultanti minn dawn il-proceduri hijiex prova prima facie tal-"animus nocendi"". Fil-fatt, wahda mill-kwistjonijiet dibattuti fit-tul, u xi kultant anke b'mod akkanit, specjalment taht ir-regim tal-Codice Zanardelli, kienet jekk id-daqqa ta' harta ghandhiex titqies bhala lezjoni personali (jigifieri offiza fuq il-persuna) jew ingurja (ara, f'dan ir-rigward: Crivellari, G., op.cit., pp.914-919; Majno, L., op.cit., pp. 305-306, para. 1652; Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano, UTET (1951), Vol. VIII, para. 2937; Carrara, F., Programma, Parte Spec., Vol. III, para. 1839, nota).

Din il-Qorti tara, pero', li l-kwistjoni tirrisolvi ruhha verament f'wahda ta' fatt. Jekk mill-kumpless tac-cirkostanzi pre-esistenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-att materjali jkun jirrisulta li dak l-att materjali sar bl-intenzjoni li wiehed jikkawza imqar ftit sensazzjoni ta' ugiegh, allura hemm l-animus nocendi u wiehed ikun qieghed fil-

kamp tal-offiza volontarja fuq il-persuna. Din l-intenzjoni generika tista' tikkoezisti ma' intenzjoni specifika, bhalma huma l-animus injuriandi jew l-animus corrigendi -- ez. persuna twegga' lil dak li jkun bl-iskop li toffendiha -- b'mod li fin-nuqqas ta' reat specifiku li jikkomprendi kemm l-intenzjoni generika kif ukoll dik specifika jista' jkun hemm konkors ta' reati. Jista' jkun hemm ukoll cirkostanzi li juru li l-kuntatt bejn l-id u l-wicc tant kien hafif li wiehed lanqas jista' jitkellem aktar dwar "daqqa", u b'mod ghalhekk li tigi eskluza l-intenzjoni li wiehed jikkawza anke l-minimu ta' ugiegh. Kif qalet il-Cassazione Taljana fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 1950 (Giust. pen., 1950, II, 731):

> "*Lo schiaffo costituisce percossa, fatta eccezione del caso assai raro in cui, per la condizione sociale della persona e l'eta' dell'offensore e dell'offeso, per l'atteggiamento assunto dal primo in dipendenza dai motivi e sopratutto per il modo con cui abbia avvicinato la mano al volto del soggetto passivo, appagandosi del semplice gesto, in guisa da venire appena e leggermente in contatto con esso, risulti manifesto che non siasi voluto cagionare un dolore fisico sia pur minimo, bensi' recare soltanto offesa*".

Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha, hi sodisfatta li d-daqqa ta' harta li l-appellant ta' lil Nathaniel Attard kienet intiza biex taghmel hsara fis-sens fuq imsemmi u ghalhekk anke dan l-aggravju markat bin-numru 'iv' qed jigi michud.

Fl-ahhar lok l-appellant jilmenta li l-piena moghtija hija wahda eccessiva waqt li jiccita diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti diverament preseduta biex isahhah l-aggravju tieghu fejn din il-qorti bidlet pieni moghtija mill-ewwel Qorti minhabba ragunijiet imsemmija fis-sentenzi citati.

Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilit li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-

Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals ould have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences hich do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, owever, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merey because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction".*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,</u>** deċiża nhar il-15ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm jkunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Jirrizulta li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti wara li ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kkundannatu ghal zmien sitt xhur ta' prigunerija sospiza ghall-sentejn minn dak in-nhar tas-sentenza. Illi ma hemmx dubbju li tali piena tirrientra fil-parametri tal-ligi u appuntu lejn il-minimu taghha. F'dan il-kaz din il-qorti ma hiex rinfaccjata b'xi cirkostanza gdida li ma kienitx taf dwarha l-ewwel Qorti. Anzi jirrizulta mir-rapport tal-probation officer li donnu l-appellant ghandu problema ta' emozzjonijiet minhabba t-trobbija tieghu u di piu li jghamel uzu mid-droga u dan ghaliex fil-fehma tieghu tkun ta' terapija ghalih. Jirrizulta li l-aggressjoni tal-appellant fuq il-parte civile

kienet wahda mhux gustifikata u proprju saret ghal xejn. Saret fuq tfajjel li kien qed igawdi ftit hin tal-mistrieh mal-hbieb f'post fejn jiltaqghu t-tfal u cioe fil-Bandli ta' Rahal Gdid. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur